SANTA LUĊIJA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Luċija**

**Is-Seba' Leġislatura**
**Laqgħa Numru 30-17**

**23 ta' Ġunju 2017**

Il-Kunsilli Lokali ta' Santa Luċija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol Santa Luċija fil-4.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Terrence Ellul – Sindku
Frederick Cutajar – Viċi Sindku
Liam Sciberras - Kunsillier
Joe Bonello – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Caroline Galea - Kunsilliera

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Caroline Silvio – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Terrence Ellul ippresjeda l-laqgħa.

**30.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**30.1.1** Is-Sindku qara l-ittri tal-appoloġija tal-Kunsilliera Caroline Galea.

**30.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

**30.2.1** Il-Viċi Sindku irrefera għall-minuta 29.1.1 u qal li xtaq jgħid proset xorta waħda, minkejja li ma ġewx eletti, lill-kunsilliera Liam Sciberras u Caroline Galea li ikkontestaw l-Elezjoni Ġenerali 2017. Huwa qal li ta' min wieħed jinnota li s-Segretarju Parlamentari għall-Kunsilli Lokali, l-Onor. Silvio Parnis u x-Shadow Minister fuq il-Kunsilli Lokali, L-Onor Robert Cutajar, it-tnejn kienu Sindki f'Kunsilli Lokali.

**30.3 Affarijiet Finanżjarji u Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**30.3.1 Talba għall-ħlas ta' Invoice ta' Kiri ta' Open Skips**
Is-Sindku rrefera għall-*Invoice* 1756 għal kiri ta' *open skips* li l-ħlas għalihom ma kienx ġie approvat mill-Kunsill. Huwa qal li l-Kuntrattur reġa ressaq talba biex jitħallas. Il-Kunsill qabel li dan il-kuntrattur għandu jkun preżenti fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss biex iwieġeb għad-domandi tal-Kunsilliera.

**30.3.2 Kont pendenti tal-ARMS fir-riġward ta' konsum u servizz tal-Ilma fi Ġnien is-Serenita'**
Is-Segretarju Eżekuttiv resqet kont pendenti għall-konsum ta' ilma fi Ġnien is-Serenita għal perjodu bejn l-1 ta' Ottubru 2016 u l-1 ta' Diċembru 2016. Il-Viċi Sindku qal li kien ser jerġa jkellem liċ-Chairman tal-Koperazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma biex jintlaħaq kompromess dwar dan il-kont.

**30.3.3 Approvazzjoni għal Xiri**
Il-Kunsill iddiskuta żewġ kwotazzjoniet għal xiri ta' tlett *sign boards* ta' reklamar li jinkludi l-*artwork* u l-*boards*. Il-Kunsill ried li l-boards ikunu tal-10mm u mhux 5mm kif kwotat. Il-kwotazzjonijiet għandhom jiġu riveduti.

**30.3.4 Approvazzjoni għal Xiri**
Il-Kunsill approva kwotazzjoni għal xiri ta' erba' *outdoor ashtrays* għal prezz ta' €32.42+VAT.

**30.3.5 Approvazzjoni għal Xiri**
Il-Kunsill approva kwotazzjoni li tammonta għas-somma ta' €299.44 għal xiri ta' *inverter* fil-*pump room* tal-vaska l-kbira fi Gnien is-Serenita'.

**30.3.6 Approvazzjoni ta' reklamar – Wedding Directory Renewal – Ġnien is-Serenita'**
Il-Kunsill qabel li jġedded ir-reklamar ta' Ġnien is-Serenita' fuq is-sit: Our Wedding .com.mt. għal perjodu 01/07/2017 u 30/06/2018 għal prezz imnaqqas ta' €195+VAT.

**30.3.7 Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**
Il-Kunsill approva l-Iskeda ta' Pagamenti numru CM 30-17 għall-perjodu bejn l-20 ta' Mejju

2017 u l-15 ta' Ġunju 2017, minn *cheque* numru BOV6742 sa numru BOV6803.

**30.3.8 Ħlas mhux approvat**

Il-Kunsill ma approvax il-ħlas ta' pagament għall-provista u nstallazjoni ta' zewġ *gates* fil-Playing Field. Il-Kunsill innota li l-ebda waħda minn dawn il-*gates* ma tingħalaq kif suppost.

**30.4 Management letter**

**30.4.1** Il-Kunsill approva r-rapport li ġie mħejji bi tweġiba għall-*Management Letter* li nbagħtet mill-Awdituri tal-Kunsill li wettqu l-awditjar tas-sena finanzjarja 2016.

**30.5 Quarterly Report -4th Quarter 2016**

**30.5.1** Il-Kunsill approva rapport finanzjarju tal-aħħar kwart tas-sena 2016. Ġie nutat li dan ir-rapport huwa rifless fil-*Financial Statement* li diġa ġew awditjati u approvati.

**30.6 Quarterly Report -1st Quarter 2017**

**30.6.1** Il-Kunsill qabel li dan ir-rapport jitressaq quddiem il-Kunsill fil-laqgħa li jmiss biex l-*accountant* tal-Kunsill tkun preżenti għall-laqgħa.

**30.7 Kommunikazzjonijiet mis-Sindku**

**30.7.1 Laqgħa ma' Trasport Malta u Mozzjoni b'urġenża mressqa mill-Viċi Sindku**

Is-Sindku nforma l-Kunsill li nhar it-Tlieta 27 ta' Ġunju 2017 kien ser jattendi għall-laqgħa ma' Trasport Malta dwar il-problema tal-inkonvenjent mill-karrozzi tal-linja fuq il-Bus Terminus ta' Triq Guljetta Lopez.
Huwa qal li għal din il-laqgħa ser tkun preżenti r-residenta li talbet li ssir din il-laqgħa.

Is-Sindku qal li f'dan ir-rigward qed jinforma l-Kunsill b'avviz ta' mozzjoni b'urġenza proposta mill-Viċi Sindku s-Sur Frederick Cutajar u ssekondata mill-Kunsillier Joe Bonello.

Huwa qal li permezz ta' din il-mozzjoni qed jiġi propost li l-Kunsill jirrakomanda lill-Transport Malta sabiex:

- il-venda li hemm fi Triq Guljetta Lopez tinbidel f'Stop normali
- u li fl-iStops li hemm f'Triq Guljetta Lopez u Vjal Oleandri jitwaħħal apparat elettroniku li juri il-ħinijet li tkun sejra tasal il-karrozza tal-linja.

Qamet diskussjoni u l-Viċi Sindku qal li qiegħed irressaq din il-mozzjoni minħabba inkonvenjent li qed jinħoloq għar-residenti peress li l-karrozzi tal-linja li jiefqu fuq il-Bus Terminus qed jibqu bil-makna mixgħewla minħabba l-arja kondizzjonata. Il-Kunsillier Liam Sciberras irrefera għal ilmenti preċedenti dwar dan l-inkonvenjent u qal li xtaq jagħmilha ċara li hu minn dejjem kien jappoġġa din il-proposta.

Il-membri tal-Kunsill preżenti għall-laqgħa qablu ma' din il-mozzjoni.

**30.7.2 Europe for Citizens-Proġett FLOWS**

Is-Sindku informa l-Kunsill li l-applikazzjoni tal-Kunsill taħt il-programme Europe for Citizens ġiet aċċettata. Huwa qal li l-Kunsill ser ikun qed jingħata fondi li jammontaw għal €25,000.00

biex iwettaq dan il-Proġett li jġib l-isem ta' FLOWS. Qamet diskussjoni u l-Kunsill qabel li dan il-proġett għandu jiffoka fuq l-integrazzjoni ta' nies b'kulturi differenti f'dak li hu social housing. Għandu jsir kuntatt mal-Kumpanija li ħadet ħsieb din l-applikazzjoni biex jiġi kkordinat dan il-proġett.

**30.7.3 CCTV Camera f'Wied Garnaw**

Is-Sindku tkellem dwar il-bżonn li ssir CCTV Camera f'Wied Garnaw biex tiġi ndirizzata l-problema ta' rimi ta' skart ta' kull xorta fejn l-iskip li għandu l-Kunsill f'dan il-Wied. Huwa qal li l-Kunsill diġa ħa ħsieb biex teħel tabella bil-multi għal min qed jabbuża.
Qamet diskussjoni u ġie deċiż li jinġiebu kwotazzjonijiet għal CCTV Cameras u ssemmiet il-possibilta' li dawn jeħlu wkoll f'*areas* oħra fil-lokalita' skond il-bżonn.

**30.7.4 Installazjoni ta' *bollards* f'Dawret it-Torri**

Is-Sindku rrefera bankina f'Dawret it-Torri u quddiem il-ħwienet u qal li fuq parir ta' Transport Malta ser ikunu qed jiġu nstallati bollards fejn tidjieq il-bankina ħalli jiġi evitat il-periklu.

**30.7.5 Arbli bil-lanterni LED u lanterni ġodda fi Triq il-Ġiżimin**

Is-Sindku ressaq proposta biex jinxtraw żewġ arbli bil-lanterni LED bħal dawk li hemm fil-Jogging Track biex jinżammu bħala riserva f'każ li jkun hemm bżonn ta' aktar arbli bil-lanterni LED fuq din il-faċilita.

Is-Sindku ppropona wkoll li z-zewġ lampi qodma fi Triq il-Ġiżimin jitneħħew u jsiru lampi moderni flokhom.
Il-Kunsill approva dawn iż-żewġ proposti

**30.7.6 Talba għall-użu ta' Ġnien is-Serenita'**

Is-Sindku ressaq talba ta' Sport Malta biex ittellu attivita' fi Ġnien is-Serenita'. Il-Kunsill laqa' din it-talba.

**30.7.7 Sotto Kumitat Attivitajiet**

Is-Sindku ppropona l-Kunsill li s-Sur Guzi Farrell ikun membru fis-Sotto Kumitat Attivitajiet u ser jieħu ħsieb is-sezzjoni taż-żgħażagħ. Din id-deċiżjoni tħalliet għall-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

**30.7.8 Lejla Sajfija**

Is-Sindku qal li għall-Lejla Sajfija, l-Kappillan qed jitlob li ngħinuh biex isir il-palk. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li għandha ssir talba bil-miktub u titressaq quddiem il-Kunsill.

**30.7.9 Talbiet mir-residenti**

Is-Sindku nforma l-Kunsill dwar talbiet varji li saru mir-residenti u saret diskussjoni dwarhom. Il-Kunsill qabel li:

- issir talba lill Trasport Malta biex *parking bay* għall-persuni bi bżonnijiet speċjali li tinsab fi Triq Tursin il-Bir titneħħa u ssir waħda fi Triq Inez Soler

- Jintalab parir minn Trasport Malta dwar talba li saret minn omm li għandha għandha tifla ta' erba snien u trabi tewmin biex tkun tista' tipparkja fuq reserved parking bay sa kemm tnizzel it-tfal mill-karozza

- Issir applikazzjoni lil Trasport Malta biex issir T Sign fi Triq Maria De Domenicis cw Triq Ċinenarja

**30.8 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**30.8.1 Żbir ta' Siġar**

Il-Kunsillier Liam Sciberras staqsa dwar is-sigar madwar il-blokk 21 ta' Settembru. Is-Sindku qal li dawk hemm il-permess biex jinqagħlu. Il-Kunsillier Sciberras staqsa jekk hux ħa jinżabru s-siġar li hemm fi Triq Prinjoli quddiem Blokk Indipendenza u fi Triq id-Dawl. Is-Sindku qal li dawk siġar protetti u ma tantx imissuhom. Il-Kunsillier Sciberras qal ukoll li s-siġar taż-żebbuġ fi Pjazza 7 ta-Lulju għandhom bżonn żabra.

**30.8.2 Taraġ li minn Triq Maria De Domenicis jagħti għal Triq Mabel Strickland**

Il-Kunsilllier Liam Sciberras staqsa kienx hemm xi żvilupp dwar il-proġett tat-taraġ li minn Triq Maria De Domenicis jagħti għal Triq Mabel Strickland. Is-Sindku qal li biex isir dan il-proġett trid tiżżarma parti minn Triq Maria De Domenicis biex ikun jista' jsir pedament ġdid. Huwa qal li l-ispiża nvoluta hija kbira. Huwa qal li l-perit qed jaħdem fuq *survey* biex wara jsiru l-pjanti neċessarji. Huwa qal li l-Kunsill ser ikun qed jitkellem mal-Ministeru tal-Infrastruttura dwar l-implimentazzjoni ta' dan il-proġett.

**30.8.3 Fondi allokati għall-Proġetti**

Il-Kunsillier Sciberras staqsa kemm hemm fondi għall-proġetti li jista jagħmel il-Kunsill. Is-Sindku qal li rridu nimxu mal-Business Plan li bħalissa ser tiġi riveduta biex naraw il-proġetti li saru bħal dak tal-Jogging Track u naraw x'għad baqa xi jsir.

**30.8.4 Resurfacing ta' Toroq**

Il-Kunsillier Liam Sciberras staqsa dwar *resurfacing* ta' Triq Stella Maris. Is-Sindku qal li issa r-*resurfacing* tat-toroq ser ikun responsabbilta' tal-Gvern Ċentrali. Il-Kunsillier Bonello qal li l-ewwel priorita ser tkun dwar toroq li qatt ma saru.

**30.8.5 Dawl fi Triq il-Vjoli**

Il-Kunsillier Liam Sciberras staqsa dwar *lamp post* bis-*solar energy* fi Triq il-Vjoli. Is-Sindku qal li l-Ministeru tal-Eneġija kien ħa ħsieb biex jiġi installat dawl ġdid fi Triq il-Vjoli.

**30.9 Sejħa għall-Kwotazzjonijiet SLLC Q(57-17-01) xiri ta' *Computers***

**30.9.1** Il-Kunsill iddiskuta l-*Evaluation Report* tal-*Evaluation Committee* fuq is-sejħa hawn fuq imsemmija. Il-Kunsill approva dan ir-rapport u qabel li l-għażla għandha tkun tal-orħos offerta li tissodisfa l-*ispecifications* mitluba fuq din l-offerta.

**30.10 Jum Santa Luċija**

**30.10.1 Għoti ta' Ġieħ Santa Luċija**

Il-Kunsill iddiskuta iċ-ċelebrazzjonijiet fl-okazzjoni ta' Jum Santa Luċija għal din is-sena. Ġie deċiż li nhar il-Ġimgħa, 7 ta' Lulju għandha ssir quddiesa ta' ringrazzjament u wara l-quddiesa jiġi ppreżentat Ġieħ Santa Luċija lil erba residenti u ex-Kunsilliera tal-Kunsill ta' Santa Luċija li huma l-Prof. Pierre Mallia, is-Sur Victor Camilleri, is-Sinjorina Paulette Gafa u s-Sur Charles Bezzina. Il-Kunsill qabel ukoll li wara ssir bibita għall-okkażjoni fis-sala tal-Knisja.

**Fis-5.45p.m. il-Viċi Sindku s-Sur Frederick Cutajar talab li jiġi skużat u ħareġ mill-Laqgħa**

**30.11 Business Plan 2017-2019**

**30.11.1** Is-Sindku ppropona li dan l-*item* jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss.

**30.12 Gnien is-Serenita'**

**30.12.1 Xogħol ta' Manutenzjoni**

Is-Sindku tkellem fil-qosor dwar manutenzjoni li qed issir fi Ġnien is-Serenita'. Huwa qal li qed issir mantutenzjoni tal-pompi tal-vaska l-kbira u ser jiġu rranġati l-fanali. Huwa qal li l-Kunsill bagħt għal xi materjal miċ-Ċina għal dan il-għan. Il-Kunsillier Bonello qal li l-istrutturi tal-injam li hemm fil-Ġnien huma mimilijin trab u għandhom bżonn jitnaddfu. Huwa ilmenta wkoll dwar l-istat tal-Ġnien tal-Iskultur u qal li dan għadu ma ġiex reinstated. Is-Sindku qal li kien beda jnaddaf.

**29.5 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

**29.5.1** Is-Sindku temm il-laqgħa fis-6.15p.m. Il-Laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Tlieta, 18 ta' Lulju 2017 fis-1.30p.m.

Konfermati, illum il-Tlieta, 18 ta' Lulju 2017

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| **Terrence Ellul**<br>**Sindku** | **Caroline Silvio**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |